**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2010**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' SENA** **STORJA (Ġenerali)** **ĦIN: Siegħa u nofs**

StudentBounty.com

**Isem:** ____________________________________ **Klassi:** _______________

**1. Qabbel dawn li ġejjin. In-numru wieħed qiegħed jingħata bħala eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Ekonomija ta' Fortizza | Ġabra ta' regolamenti li fuqhom jitmexxa pajjiż. | |
| 2. | Kolonja | Uffiċjal li jmexxi kolonja. | |
| 3. | Gvernatur | Post fejn ikun hemm il-vapuri tal-gwerra. | |
| 4. | Bażi Navali | Post fejn jinbnew u jissewwew il-vapuri. | |
| 5. | Tarzna | Post taħt il-ħakma ta' ħaddieħor. | |
| 6. | Kostituzzjoni | Meta pajjiż jiddependi ħafna fuq in-nefqa tal-armata u l-flotta. | **1** |

**(5 marki)**

**2. Poġġi dawn l-avvenimenti wara xulxin billi tagħmel sing taħt is-sekwenza t-tajba li hemm taħt dawn l-avvenimenti**.

1. Il-Malti u l-Ingliż isiru l-ilsna ufiċċjali ta' Malta.
2. L-Irvellijiet tas-Sette Giugno.
3. Malta tingħata l-ewwel Kostituzzjoni tas-Self Government.
4. In-nisa jingħataw il-vot.
5. Malta ssir Repubblika.
6. Malta ssir Stat Indipendenti.

1, 4, 2, 5, 6, 3.
1, 3, 2, 4, 6, 5.
3, 1, 2, 4, 6, 5.
2, 1, 4, 3, 6, 5.
2, 1, 3, 4, 6, 5.

**(3 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3. **Aqra dan il-paragrafu u wieġeb id-domandi <u>kollha.</u>**

Mill-E.T. il-Gvernatur lid-Direttur tal-Edukazzjoni

7 ta’ Mejju 1895

Jekk jogħġbok tini lista tal-postijiet fejn 6,000 tifel u tifla qed jinkitbu biex jidħlu fl-iskejjel primarji.

Mis-Segretarju Prinċipali lid-Direttur tal-Edukazzjoni:

Irrid nuri x’qiegħed isir sabiex jinstab post għal 6,000 tifel u tifla li jridu jidħlu fl-iskejjel , u x’beħsiebu jagħmel il-gvern fil-futur qrib.

Mis-Segretarju Prinċipali lill-Gvernatur: Minbarra l-bini tal-iskola tar-Rabat u l-pjani li jinbnew skejjel fil-Mosta u Ħaż-Żebbuġ, mhux se jkun possibbli fil-futur qrib, minħabba problemi finanzjari, li jinbnew iżjed minn waħda jew żewġ skejjel.

(A.N.M. csg/01/FreeMantle Vol 37, 1895, no. 5414)

3.1.1 X’taħseb li kienet il-qagħda fl-iskejjel primarji wara li taqra dan ir-rapport?

__________________________________________________________ (1)

3.1.2 X’effett kellha din is-sitwazzjoni fuq il-poplu Malti?

__________________________________________________________ (1)

3.2.1 Għaliex taħseb li kien meħtieġ il-bini tal-iskejjel imsemmi fir-rapport?

__________________________________________________________ (1)

3.2.2 Għaliex f’dak iż-żmien il-gvern ma setax jibni ħafna skejjel f’daqqa?

__________________________________________________________ (1)

3.3.1 Fiż-żmien li nkiteb dan ir-rapport kienet għaddejja kwistjoni li ħalliet l-effett tagħha fuq l-iskejjel. X’kienet din il-kwistjoni?

__________________________________________________________ (1)

3.3.2 Spjega fl-qosor għaliex din inqalgħet?

__________________________________________________________

__________________________________________________________ (2)

3.4.1 X’miżuri daħħlu l-Gvernijiet Maltin biex tissaħħaħ l-edukazzjoni f’dawn is-snin?

1946 ____________________________________________________ (1)

1970 ____________________________________________________ (1)

3.4.2 X’effett ħallew dawn il-miżuri fuq il-poplu Malti?

__________________________________________________________ (1)

**(10 marki)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**4**. **Aqra sewwa s-siltiet minn dan id-djarju u wara wieġeb id-domandi kollha**.

Mid-djarju ta' Ġużeppi Debono

3 ta' Jannar 1942: Tmien Air-Raids: 12.30 am – 9.00 am – 11.00 am – 2.30 pm – 3.30 pm – 5.00pm – 7.00pm – 10.00 pm u kompla l-lejl kollu. Waqgħu xi bombi fin-Nadur, 3 korrew u 31 dar sfaw imġarrfa.

20 ta' Jannar 1942: Wasal konvoj ta' tliet vapuri.

23 ta' Frar 1942: Beda x-xogħol fuq ix-xelter tiegħi.

8 t'April 1942: Djar meqruda bil-gwerra. Valletta 75%, Floriana 85%, Birgu 65%, Bormla 70%, l-Isla 80%.

9 t'Awissu 1942: Illum infetħet il-*Victory Kitchen*.

4.1.1 Għal-liema perijodu ikrah fl-istorja ta' Malta qed jirreferi dan id-djarju?

________________________________________________ (1)

4.1.2 Agħti **żewġ** raġunijiet li wasslu għal dan l-inkwiet fl-Ewropa.

________________________________________________ (1)

________________________________________________ (1)

4..3 Għaliex Malta ġiet involuta fih?

________________________________________________ (1)

4.1.4 Semmi **żewġ** pajjiżi li kienu għedewwa ta' Malta matul dawn il-ġrajjiet.

________________________________________________ (2)

4.2. Għaliex il-qagħda tal-poplu Malti f'dan il-perijodu xejn ma kienet tajba? Agħti **żewġ** raġunijiet.

________________________________________________ (1)

________________________________________________ (1)

4.3.1 Għaliex kienet importanti l-wasla tal-konvoj f'Malta?

________________________________________________ (1)

4.3.2 Agħti l-isem tal-konvoj partikulari li kien ta' ġid kbir għal Malta?

________________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

4.4.1 Għaliex kienu jintużaw ix-xelters?

____________________________________________________________ (1)

4.4.2 Semmi żvantaġġ marbut magħhom.

____________________________________________________________ (1)

4.5.1 Fid-djarju jissemmew ħames postijiet li ġarrbu ħafna ħsarat. Għaliex taħseb li dawn il-postijiet ġarrbu ħsara kbira.

____________________________________________________________ (1)

4.5.2 Fejn marru l-parti l-kbira tan-nies li kienu joqogħdu f'dawn l-inħawi?

____________________________________________________________ (1)

4.6 Kif nafu minn dan id-djaru li anki Għawdex intlaqat ħażin f'dan il-perijodu?

____________________________________________________________ (1)

4.7.1 X'kienet il-*Victory Kitchen*?

____________________________________________________________ (1)

4.7.2 Għid għaliex kienet meħtieġa.

____________________________________________________________ (1)

4.8 Billi fil-postijiet imsemmija fid-djarju kien hemm ħafna ħsara, x'kellu jsir fihom wara l-gwerra?

____________________________________________________________ (1)

4.9 Dawn il-ġrajjiet ħallew effetti koroh mhux biss fuq Malta iżda anki fuq ħafna mill-pajjiżi tal-Ewropa. Semmi **żewġ** effetti ta' dawn il-ġrajjiet fuq l-Ewropa.

____________________________________________________________ (1)

____________________________________________________________ (1)

**(20 marki)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**5. Ħares sewwa lejn dawn l-istampi u wieġeb id-domandi <u>kollha</u>.**

A



Ċ



B



D



5.1 Għid kull wieħed minn dawn il-postijiet huwiex mibni fuq stil neo-klassiku jew neo-gotiku.

Stampa A ______________________ Stampa Ċ ________________________

Stampa B ______________________ Stampa D ________________________ (4)

5.2 Agħżel minn din il-lista żewġ eżempji tal-influwenza Ingliża fuq il-bini f'Malta wara t-Tieni Gwerra Dinjija billi tagħmel sing taħt ir-risposti t-tajba.

Pjazez kbar u spazjużi.

Vilel b'ġardina quddiem maqtugħin mill-bini.

Knejjes kbar u ddekorati sewwa.

*Promenades* wesgħin madwar il-kosta. (2)

Faċċata ta' stil barokk.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5.3 L-Ingliżi ppruvaw jinfluwenzaw l-arkitettura f'Malta billi għamlu liġijiet ġodda dwar il-bini. Agħżel it-tnejn it-tajba minn din il-lista, billi tagħmel sing taħthom.

Riedu li kull dar tkun b'sular wieħed.

Riedu ventilazzjoni tajba u dawl aħjar.

Riedu li ssir xi skultura fil-faċċata.

Daħħlu l-kunċett ta' plots rettangulari bil-ġnien ta' wara.

Riedu li l-gallariji jkunu tal-aluminju. (2)

**(8 marki)**

**6. Aqra dan il-paragrafu u wieġeb id-domandi.**

Wara t-Tieni Gwerra Dinjija kien hemm ukoll żvilupp kostituzzjonali. Fil-5 ta' Settembru 1947 il-Gżejjer Maltin reġgħu ngħataw is-*self-government*. Fl-istruttura ġenerali tagħha l-kostituzzjoni kellha *dyarchy*. F'xi aspetti din il-kostituzzjoni kienet tixbah ħafna lil dik tal-1921; fil-fatt il-Maltin kellhom jieħdu ħsieb l-affarijiet lokali, filwaqt li ċerti affarijiet magħrufa bħala 'Reserved Matters' baqgħu responsabbilita` tal-gvern Imperjali.

(Addattata minn B. Blouet 'The Story of Malta' p. 214)

6.1 Liema kienet l-ewwel kostituzzjoni tas-*Self Government*?

________________________________________ (1)

6.2 Għaliex il-Gvern Ingliż reġa' ta s-*Self Government* lill-Gżejjer Maltin fl-1947? Agħti raġuni waħda.

________________________________________ (2)

6.3.1 X'kienu r-*Reserved Matters*?

________________________________________ (1)

6.3.2 Min kien responsabbli għalihom f'Malta?

________________________________________ (1)

6.3.3 Semmi **tnejn** minnhom.

a)____________________ b) ____________________ (2)

6.3.4 Min kien responsabbli għall-affarijiet lokali?

________________________________________ (1)

6.4 Liema kienu **ż-żewġ** lingwi uffiċjali skond il-kostituzzjoni tal-1947?

a) ____________________ b) ____________________ (2)

6.5 Malta reġgħet ingħatat is-*Self-Government* ftit wara li spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija. Xi problemi kellu l-gvern Malti f'dak iż-żmien?

a) ____________________ b) ____________________ (2)

**(12-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**7. Aqra dan il-paragrafu u wieġeb id-domandi kollha.**

"Fil-bidu tas-seklu XIX il-popolazzjoni tal-Belt Valletta kienet 20,000 iżda sal-1861 kienet telgħet għal 25,000. Din kienet il-quċċata tal-iżvilupp tal-Belt. Wara l-1861, in-nies bdiet ħierġa mill-Belt u tfittex li toqgħod fis-subborgi madwarha. Il-bliet l-oħra madwar il-port kellhom storja simili għal dik tal-Belt Valletta. Il-maġġoranza tal-irħula stabbiliti marru aħjar mill-ibliet ta' madwar il-port li fil-parti l-kbira tagħhom kibru sewwa għalkemm mhux b'xi mod spettakulari."

(Addattat minn B. Blouet 'The Story of Malta' 1972 pp 178, 179)

7.1.1 Minn dan is-sors nindunaw li l-popolazzjoni ta' Malta bdiet (tonqos, tiżdied, baqgħet l-istess). (1)

7.1.2 Għala taħseb li ġara dan?

____________________________________________ (2)

7.2 Agħti raġuni għaliex ħafna nies fittxew li joqogħdu fl-ibliet ta' madwar il-Port il-Kbir.

____________________________________________ (1)

7.3.1 Is-sors isemmi li wara l-1861 in-nies bdiet ħierġa mill-Belt Valletta. Agħti raġuni **waħda** għal dan.

____________________________________________ (1)

7.3.2 Meta n-nies bdiet ħierġa mill-Belt bdiet tissetilja fis-subborgi tal-qrib. Semmi **tnejn** minnhom.

a) ____________________ b) ____________________ (2)

7.4. Liema mezz ta' trasport li beda jaħdem lejn tmiem is-seklu dsatax (1883) għamilha possibbli li n-nies tmur toqgħod f'postijiet oħra minbarra s-subborgi madwar il-Belt?

____________________________________________ (1)

7.5 Għaliex kien importanti d-dħul tas-servizzi bil-lanċa għall-aħħar tas-seklu dsatax (1882)? Semmi subborg partikulari li kien marbut ma' dan is-servizz.

____________________________________________ (2)

**(10 marki)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**8. Ir-Rivoluzzjoni Industrijali.**

8.1 X'tifhem meta wieħed jgħid 'Ir-Rivoluzzjoni Industrijali'?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

8.2 Għaliex taħseb li din ir-rivoluzzjoni bdiet fl-Ingilterra? Agħti **żewġ** raġunijiet.

______________________________________________ (1)

______________________________________________ (1)

8.3 Minbarra l-Ingilterra, semmi **żewġ** pajjiżi oħra li kienu avvanzati fl-industrija fis-seklu dsatax.

a) ____________________ b) ____________________ (2)

8.4 Semmi żewġ pajjiżi ewropej li fis-seklu dsatax fl-industrija baqgħu relattivament lura.

a) ____________________ b) ____________________ (2)

8.5 Ir-Rivoluzzjoni Industrijali ġabet magħha kundizzjonijiet ħżiena. Semmi **tnejn** minnhom.

______________________________________________ (1)

______________________________________________ (1)

8.6 Semmi żewġ riżultati pożittivi tar-Rivoluzzjoni Industrijali.

______________________________________________ (1)

______________________________________________ (1)

**(12-il marka)**

**9. Ikteb fit-tul fuq <u>wieħed</u> minn dawn li ġejjin.**

9.1 Il-kostituzzjoni tal-1921 fetħet it-triq twila li wasslet għall-għotja tal-Indipendenza fl-1964 u t-twaqqif tar-Repubblika (fl-1974). Iddiskuti.

9.2 Il-Gvern Ingliż ħa diversi miżuri biex isaħħaħ id-difiża ta' Malta. Semmi l-miżuri li ħa u għid għaliex għamel hekk.

9.3 Mill-1856 saru żviluppi importanti fil-qasam tat-trasport kemm bl-art kif ukoll bil-baħar. Iddiskuti.

**(20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers